



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12668/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0164 (NLE)

MAMA 151
MED 22
PA 4

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni

PROTOKOLL
GĦALL-FTEHIM TA' ASSOĊJAZZJONI INTERIM EWRO-MEDITERRANJU
DWAR KUMMERĊ U KOOPERAZZJONI BEJN
IL-KOMUNITÀ EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA,
U L-ORGANIZZAZZJONI GĦAL-LIBERAZZJONI TAL-PALESTINA (PLO)
GĦALL-BENEFIĊĊJU TAL-AWTORITÀ PALESTINJANA
TAX-XATT TAL-PUNENT U L-MEDDA TA' GAŻA, MIN-NAĦA L-OĦRA,
DWAR FTEHIM QAFAS BEJN L-UNJONI EWROPEA
U L-AWTORITÀ PALESTINJANA TAX-XATT TAL-PUNENT U L-MEDDA TA' GAŻA
DWAR IL-PRINĊIPJI ĠENERALI GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAGĦHA
FIL-PROGRAMMI TAL-UNJONI

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn ‘il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

minn naħa waħda,

u

l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta’ Gaża, minn hawn ‘il quddiem imsejħa “l-Awtorità Palestinjana”,

min-naħa l-oħra,

minn hawn ‘il quddiem imsejħin “il-Partijiet”,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta’ Gaża, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim ta’ Assoċjazzjoni Interim”) ġie ffirmat fl-24 ta’ Frar 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 1997.
- (2) Il-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta’ Ġunju 2004 laqa’ b’mod favorevoli l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2004.

¹ ĠU UE L 187, 16.7.1997, p. 3.

- (3) Il-Kunsill ripetutament adotta konklużjonijiet favur din il-politika.
- (4) Fil-5 ta' Marzu 2007, il-Kunsill esprima appoġġ għall-approċċ ġenerali u globali, deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Diċembru 2006, sabiex l-imsieħba tal-PEV jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u l-programmi Komunitarji fuq il-merti tagħhom u fejn hekk jippermettu l-bażijiet ġuridiċi.
- (5) L-Awtorità Palestinjana esprimiet ix-xewqa tagħha li tipparteċipa f'għadd ta' programmi tal-Unjoni.
- (6) Jenħtieġ li t-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-partekipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana f'kull programm tal-Unjoni, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja kif ukoll l-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, jiġu ddeterminati f'memorandum ta' qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Awtorità Palestinjana,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

L-Awtorità Palestinjana għandha titħalla tipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni attwali u futuri kollha miftuħa għall-parteeċipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana skont l-atti legali li jadottaw dawk il-programmi.

ARTIKOLU 2

L-Awtorità Palestinjana għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit ġenerali tal-Unjoni fejn jikkorrispondi għall-programmi speċifiċi tal-Unjoni li fihom hija tipparteċipa.

ARTIKOLU 3

Ir-rappreżentanti tal-Awtorità Palestinjana għandhom jitħallew jieħdu sehem, bħala osservaturi u għall-punti li jikkonċernaw lill-Awtorità Palestinjana, fil-kumitati tal-ġestjoni responsabbli li jimmonitorjaw il-programmi tal-Unjoni li għalihom tikkontribwixxi finanzjarjament l-Awtorità Palestinjana.

ARTIKOLU 4

Il-proġetti u inizjattivi mressqa minn parteċipanti mill-Awtorità Palestinjana għandhom, kemm jista' jkun, ikunu sogggetti għall-istess kondizzjonijiet, regoli u proċeduri li jappartjenu għall-programmi kkonċernati tal-Unjoni kif huma applikati lill-Istati Membri.

ARTIKOLU 5

It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-partekipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana f'kull programm tal-Unjoni, b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jkollhom jitħallsu mill-Awtorità Palestinjana kif ukoll il-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati f'memorandum ta' qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Awtorità Palestinjana abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi kkonċernati tal-Unjoni.

Jekk l-Awtorità Palestinjana tapplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex tipparteċipa fi programm tal-Unjoni partikolari abbażi tar-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprovdi għall-assistenza esterna tal-Unjoni lill-Awtorità Palestinjana li jiġi adottat fil-futur, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu mill-Awtorità Palestinjana ta' tali assistenza għandhom jiġu determinati fi ftehim ta' finanzjament f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 232/2014.

¹ Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

ARTIKOLU 6

Kull memorandum ta' qbil konkluż skont l-Artikolu 5 għandu jistipula, skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, li l-kontroll finanzjarju, l-awditjar jew verifiki oħra, inklużi investigazzjonijiet amministrattivi, għandhom isiru minn, jew taħt l-awtorità ta', il-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u l-Qorti tal-Awdituri.

Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontroll finanzjarju u l-awditjar, investigazzjonijiet amministrattivi, l-irkupru, penali finanzjarji u sanzjonijiet amministrattivi oħra, li jagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u lill-Qorti tal-Awdituri setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew tal-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

ARTIKOLU 7

Dan il-Protokoll għandu japplika għall-perjodu li fih ikun fis-seħħ il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim.

Dan il-Protokoll għandu jiġi ffirmat u approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Protokoll permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra. Dan il-Protokoll għandu jieqaf japplika sitt xhur wara d-data ta' tali notifika.

It-terminazzjoni ta' dan il-Protokoll konsegwenti għal denunzja minn xi waħda mill-Partijiet ma għandu jkollha l-ebda influwenza fuq il-verifiki u l-kontrolli li għandhom isiru, fejn meħtieġ, taħt l-Artikoli 5 u 6.

ARTIKOLU 8

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u sussegwentement kull tliet snin, il-Partijiet jistgħu jirrevedu l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteciċipazzjoni effettiva tal-Awtorità Palestinjana fi programmi tal-Unjoni.

ARTIKOLU 9

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom huwa applikat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża.

ARTIKOLU 10

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-għan.

Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li japplikaw il-Protokoll provviżorjament mid-data tal-iffirmar tiegħu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.

ARTIKOLU 11

Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim.

ARTIKOLU 12

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ eżemplari fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Għarbija, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell, fil-... jum ta' ... fis-sena ...

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Awtorità Palestinjana